



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Marzu 2024
(OR. en)

7749/24

AGRI 226
AGRIORG 35
POLCOM 103
DELECT 56

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	13 ta' Marzu 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2024) 1499 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 13.3.2024 li jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/760 fir-rigward ta' xi dispożizzjonijiet b'segwitu għall-ftehim ta' kummerċ ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand u t-tħassir ta' dispożizzjonijiet li ma għadhomx validi fir-rigward tal-kwota tariffarja tal-esportazzjoni għat-trab tal-ħalib

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2024) 1499 final.

Mehmuż: C(2024) 1499 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.3.2024
C(2024) 1499 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 13.3.2024

li jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/760 fir-rigward ta' xi dispożizzjonijiet b'segwitu għall-ftehim ta' kummerċ ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand u t-tħassir ta' dispożizzjonijiet li ma għadhomx validi fir-rigward tal-kwota tariffarja tal-esportazzjoni għat-trab tal-ħalib

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/760 jistabbilixxi ċerti regoli fir-rigward tal-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji soġġetti għal liċenzji.

Il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand introduċa diversi kwoti tariffarji ġodda u emenda xi kwoti tariffarji eżistenti tad-WTO speċifiċi għall-pajjiż għall-prodotti li joriġinaw minn New Zealand.

Il-kwoti tariffarji eżistenti emendati huma dawk bin-numri tal-ordni 09.4182 u 09.4195.

Għall-ġestjoni ta' kwoti tariffarji ġodda, il-Ftehim jintroduċi ċertifikat ta' eliġibbiltà li għandu jinħareġ minn New Zealand.

Il-bidliet ta' hawn fuq jeħtieġ jiġu riflessi fir-Regolament (UE) 2020/760 billi jitħassru xi wħud mid-dispożizzjonijiet dwar il-kwoti tariffarji 09.4182 u 09.4195 u billi jiġu emendati d-dispożizzjonijiet dwar in-notifiki lill-Kummissjoni.

Barra minn hekk, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet dwar il-kwota tariffarja tal-esportazzjoni għat-trab tal-ħalib miftuħa mir-Repubblika Dominicana jitħassru, peress li l-kwota tal-esportazzjoni inkwistjoni tneħħiet fl-2023.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Dan l-att delegat ġie ppreżentat lil xi esperti, kif ukoll diskuss magħhom, waqt laqgħat tal-grupp ta' esperti rigward mistoqsijiet orizzontali dwar il-PAK tat-13 ta' Diċembru 2023, tas-17 ta' Jannar 2024 u tal-21 ta' Frar 2024.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Dan l-att delegat jipprevedi t-tħassir tal-Artikolu 4, il-punt (c) u l-Artikolu 8(2), il-punti (c), (e) u (f), u l-emenda tal-Artikolu 17, il-punt (g) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 13.3.2024

li jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/760 fir-rigward ta' xi dispożizzjonijiet b'segwitu għall-ftehim ta' kummerċ ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand u t-tħassir ta' dispożizzjonijiet li ma għadhomx validi fir-rigward tal-kwota tariffarja tal-esportazzjoni għat-trab tal-ħalib

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 186 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/760² jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fir-rigward tar-regoli għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni għall-prodotti agrikoli soġġetti għal liċenzji.
- (2) Ir-Regolament Delegat (UE) 2020/760 fih dispożizzjonijiet fir-rigward tal-kwota tariffarja tal-esportazzjoni għat-trab tal-ħalib miftuħa mir-Repubblika Dominicana. Dik il-kwota tal-esportazzjoni tneħħiet mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/761³ bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/953⁴. Għalhekk, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet dwar dik il-kwota tal-esportazzjoni fir-Regolament (UE) 2020/760 jitħassru.
- (3) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/244⁵, il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand ("il-Ftehim") ġie konkluż fis-27 ta' Novembru 2023.

¹ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1308/oj>.

² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/760 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-importazzjoni u l-esportazzjoni soġġetti għal liċenzji u li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-depożitu ta' garanziji fl-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji (ĠU L 185, 12.6.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/760/oj).

³ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/761 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1306/2013, (UE) Nru 1308/2013 u (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema ta' ġestjoni tal-kwoti tariffarji bil-liċenzji (ĠU L 185, 12.6.2020, p. 24, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/761/oj).

⁴ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/953 tat-12 ta' Mejju 2023 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 fir-rigward tar-regoli li jirregolaw il-kwota tariffarja għall-esportazzjoni tat-trab tal-ħalib lejn ir-Repubblika Dominicana (ĠU L 128, 15.5.2023, p. 81, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/953/oj).

⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/244 tas-27 ta' Novembru 2023 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand (ĠU L, 2024/244, 28.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/244/oj>).

- (4) Il-Ftehim jemenda l-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.4182 u 09.4195 u jintroduċi ċertifikat ta' eliġibbiltà li għandu jinħareġ minn New Zealand. Jenħtieġ li daww il-bidliet jiġu riflessi fir-Regolament Delegat (UE) 2020/760.
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2020/760 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760

Ir-Regolament Delegat (UE) 2020/760 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 4 jitħassar il-punt (c);
- (2) fl-Artikolu 8(2) jitħassru l-punti (c), (e) u (f);
- (3) fl-Artikolu 17, il-punt (g) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(g) għall-kwoti tariffarji tal-importazzjoni amministrati b'dokumenti maħruġa minn pajjiżi terzi, għal kull ċertifikat ta' awtentiċità, kull ċertifikat ta' arranġament ta' monitoraġġ attiv (“IMA 1”), jew kull ċertifikat ta' eliġibbiltà msemmi fl-Anness XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 li jiġi ppreżentat minn xi operatur, in-numru tal-liċenzja korrispondenti maħruġa u l-kwantitajiet koperti.”.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika minn [XX XXX 2024] [*Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-applikazzjoni = id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim li se tiġi kkomunikata lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet fi tmiem il-perjodu tal-iskrutinju.*].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 13.3.2024

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN